# L-Għaqal

John Schembri
Direttur



Lin-nanniet niftakarhom jgħidu "Erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn." U ħa ngħidlek, minn kollox kienu jerfgħu – biċċiet tal-injam, laned tal-ħadid użati, fliexken tal-ħġieġ vojta, xi qalziet b'tiċrita f'qalza minnhom, u forsi xi minn daqqiet anke musmar mgħawweġ, kartuna mqatta', u tazza mxellfa. Illum issib min jidħak bik jekk jarak iżżomm dan l-"imbarazz" kollu, sakemm ma jippruvax jgħaddik biż-żmien ukoll. Sirna nużaw u narmu, jekk forsi ma narmux qabel ma nużaw! Inwarrbu l-qadim u nixtru l-ġdid minfloku, anke jekk il-qadim kien għadu tajjeb u jaħdem.

Il-ħajja nbidlet qatigħ, imxiet il-quddiem, daħal il-progress, żviluppajna f'ġens modern, u allaħares mhux hekk! Imma xi kultant inħoss li morna l-estrem l-ieħor. Fejn qabel konna nżommu kollox u narmu ftit li xejn, illum nippreferu mmorru nixtru milli noqogħdu nżommu dak li forsi xi darba għad nistgħu niġu bżonn. Mhux qed ngħid li wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin, imma naħseb li l-bilanċ għandu jkun f'kollox.

Dan jgħodd ukoll f'għaqda bħal m'hi din tagħna. Kollox jiswa l-flus u l-ħela mhi tajba għal ħadd, imma fl-istess ħin, l-ispazju hu limitat u ma nistgħux nerfgħu minn kollox għax forsi naħsbu li għada pitgħada għad niġu bżonnu. Irridu nkunu bil-għaqal biex nużaw l-affarijiet li jkollna bl-aħjar mod possibbli, mingħajr ma naħlu u mingħajr ma nixtru jew nintrigaw b'dak li m'għandniex bżonn. Kollox irid l-ispazju fejn jintrefa' b'mod tajjeb għal meta nkunu neħtiġuh. Inkella nkunu erfajnih biss biex joħdilna mill-ispazju li forsi stajna nużaw aħjar għal affarijiet iktar neċessarji. Hemmhekk veru li nimtlew bl-imbarazz, speċjalment jekk tmur tfittex dak li tkun taf li erfajt u ma ssibux, jew issib li dak li erfajt m'għadux fi stat li jista' jintuża.

L-għaqal huwa importanti f'kollox, ħalli għada pitgħada ma jiddispjaċiniex minn dak li għamilna llum jew il-bieraħ u li forsi bi ftit iktar ħsieb seta' jsir ferm aħjar. B'hekk inkomplu ntejbu dak li għandna llum għalina u għal dawk li ġejjin warajna.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ, nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, speċjalment lil dawk il-morda li ma jistgħux igawdu l-festa magħna.

